32004R1486

21.8.2004 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 273/9

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1486/2004

ta' l-20 ta' Awwissu 2004

Dwar it-tkomplija ta' l-anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 marbut mar-reġistrazzjoni ta' ċerti ismijiet fir-«Reġistru ta' l-ismijiet ta' oriġini protetta u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti» (Farinheira de Estremoz e Borba, Domfront, Kiwi Latina, Valle del Belice u Noix du Périgord)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li rat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92, ta' l-14 ta' Lulju 1992, relattiv mal-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u ta' l-ismijiet ta' oriġini tal-prodotti agrikoli u materjal ta' l-ikel[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3)(4);

Tikkunsidra dan li ġej:

(1) Skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, il-Portugall ressaq quddiem il-Kummissjoni talba ta' reġistrazzjoni bħala indikazzjoni ġeografika għall-isem "Farinheira de Estremoz e Borba", l-Italja ressqet quddiem il-Kummissjoni talba għal reġistrazzjoni bħala indikazzjoni ġeografika għall-isem « Kiwi Latina » u talba ta' reġistrazzjoni bħala isem ta' oriġini għall-isem « Valle del Belice » u Franza ressqet quddiem il-Kummissjoni żewġ talbiet ta' reġistrazzjoni bħala indikazzjoni ta' oriġini għall-ismijiet « Domfront » u « Noix du Périgord ».

(2) Ġie żgurat, skond l-Artikolu 6(1) ta' l-imsemmi Regolament, li huma konformi ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari li jinkludu l-elementi kollha previsti fl-Artikolu 4 tiegħu.

(3) Il-Kummissjoni ma ħarġet l-ebda dikjarazzjoni ta' objezzjoni, fis-sens ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, wara l-pubblikazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea[2] dwar l-ismijiet li jidhru fl-anness ta' dan ir-Regolament.

---

[1] ĠU L 208, 24.7.1992, p. 1. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1215/2004 (ĠU L 232, 1.7.2004, p. 21).

[2] ĠU C 168, 13.7.2002, p. 10 (Farinheira de Estremoz e Borba).
ĠU C 261, 30.10.2003, p. 6 (Domfront).

(4) Għalhekk, dawn l-ismijiet jixirqilhom li jkunu inklużi fir-«Reġistru ta' l-isimijiet ta' oriġini protetta u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti» u għalhekk ikunu mħarsa fuq il-pjan Komunitarju bħala indikazzjonijiet ġeografiċi protetti jew ismijet ta' oriġini protetta.

(5) L-anness ta' dan ir-Regolament ikompli ma' l-anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96[3].

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT :

Artikolu 1

L-anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 hu miżjud bil-ħames ismijiet li jidhru fl-anness ta' dan ir-Regolament u dawn l-ismijiet huma mniżżla fir-« Reġistru ta' l-isimijiet ta' oriġini protetta u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti » bħala indikazzjoni ġeografika protetta (IGP) jew isem ta' oriġini protetta (AOP) previst fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 2081/92.

Article 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u hu direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul Brussell, 20 ta' Awwissu 2004.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ĠU C 262, 31.10.2003, p. 7 (Kiwi Latina).
ĠU C 277, 18.11.2003, p. 9 (Valle del Belice)
ĠU C 277, 18.11.2003, p. 12 (Noix du Perigord)

[3] ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1258/2004 (ĠU L 239, 9.7.2004, p. 5).

ANNESS

PRODOTTI TA' L-ANNESS I TAT-TRATTAT MAĦSUBA GĦALL-IKEL TAL-BNIEDEM

Prodotti derivati mill-laħam (imsaħħan, immellaħ, iffumikat eċċ)

PORTUGALL

Farinheira de Estremoz e Borba (IGP)

Prodotti oħra ta' l-anness I (spezji eċċ)

FRANZA

Domfront (AOP)

Xaħmijiet (butir, margarina, żjut eċċ)

ITALJA

Valle del Belice (AOP)

Frott, ħxejjex u ċereali fi stat naturali jew mibdula

ITALJA

Kiwi Latina (IGP)

FRANZA

Noix du Périgord (AOP)